**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed u għoxrin (21)**

**30 ta' Ottubru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**21.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**21.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsill ma irċeviex ittri ta' apoloġija.

**21.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 20 u Skeda ta' Pagamenti 9;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 20 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 9 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dawn ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**21.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku Victor Curmi tah update dwar iċ-Ċentru Ċiviku fejn spjega li x-xogħol jinsab wieqaf għal ftit minħabba li hemm problema kbira dwar l-akkwist ta ġebla tal-franka. Hu nforma lill-membri li nżammet laqgħa bejn l-Perit tal-Kunsill u l-Perit tal-Kuntrattur, d-Direttur Ġenerali (MGP) u l-Kunsill fejn ġie spjegat li l-ispiża relatata max-xogħol tal-lavur tal-ġebel ma kinitx inkluża fit-tender. Issemma wkoll illi se jkun hemm bżonn li l-Perit jirrevedi t-tender kollu minħabba li se jkun hemm modifikazzjonijiet sabiex ikopru għal xi addizzjoni f'partijiet tal-proġett. Madanakollu, kien hemm qbil li għalissa nippruvaw noħorġu tender li jipprovdi għax-xogħol tal-lavur ħalli l-proġett jkun jista jkompli miexi. Il-Perit se jkun qed jipprepara l-ispecifications u l-Bill of Quantities, pero' se jibqa l-fatt illi minħabba n-nuqqas ta' ġebla l-estimi jistgħu ma jkunux dejjem jirriflettu l-prezz peress li fil-preżent huwa ferm volatile.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli

- Staqsiet f'hiex waslu CCTV cameras u rċivejniex il-bank guarantee. Il-Bank guarantee irċivejniha u ħarġet l-commencement notice biex jibda x-xogħol.

- Staqsiet dwar il-kontijiet li preżenta Road Construction, jekk ġewx konfermat l-bilanċ. Għadu jrid isir eżerċizzju flimkien ma dawk kollha nvoluti, Sindki, Periti u Segretarji Eżekuttivi preċedenti.

- Staqsiet dwar min se jieħu sehem fl-Autumn Fest u jekk hux se jieħdu sehem it-tfal. Qed tieħu ħsieb Ġuża, anka mal-iskola.

- Staqsiet jekk jistgħux isiru bus shelters ħdejn il-Ġgantija u ħdejn l-iskola. Bus shelters ma għadhomx f'idejn il-Kunsill.

- Staqsiet dwar jekk hux se jagħmel avviżi għal min irid jipparteċipa fil-Christmas Market. Ikkuntatjajna lil diversi nies u se jkollna mal-20 stall li diġa huma kkonfermati u qegħdin nħejju l-programm.

- Ħarġa Milied Day Centre – Jekk tistax issir xi ħarġa għal Malta għall-anzjani.

- Staqsiet dwar il-bankijiet ta' ħdejn l-iscouts - Ġie ordnat injam ġdid u se jinbiddlu l-istrixxi tal-injam.

Il-Kunsillier Kevin Cutajar talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-Agenda tkun aktar informattiva u wieħed ikun jista jipprepara ruħhu aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota u ma ssib ebda oġġezzjoni għal dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet l-importanza li nimxu mal-liġi u għalhekk talbet sabiex il-mistoqsijiet tal-Kunsilliera jintbgħatu lis-Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa ħalli għal-laqgħa jkunu preparati t-tweġibiet kollha.

**21.5 Skema Eko Gozo u Project Green;**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li l-proposta tal-Kunsill sabiex issir Trejqet George Ċini, Xagħra ġiet aċċettata u d-Direttur Eco Gozo infurmana li se jkun qed jiffinanzja €75,000(Vat inkluż) mit-total ta' €149,463.31(Vat eskluż) u l-Kunsill irid ikopri l-ammont ta' € 74,463.31(Vat inkluż). Il-Kunsill qiegħed jiġi mitlub jinfurma lid-Direttorat jekk hux qed jaċċetta din l-offerta sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 7ta' Novembru 2025. Din l-offerta ġiet diskussa u s-Seg. Eżekuttiv semmiet li minħabba li din il-BOQ kienet ġiet ippreparata ftit snin ilu, wieħed irid jikkunsidra li jista jkun li l-istima ma għadiex realistika u tista tinbidel. Il-Kunsill issuġġerixxa li niċċekjaw sa meta jrid ikun lest dan il-proġett. Sadanittant naraw ukoll x'se jiġri mill-applikazzjonijiet għal-fondi sabiex isir il-proġett tal-playingfield għaliex kien hemm qbil li l-proġett tal-playingfield għandu jibqa prijorita. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet illi jekk l-applikazzjoni ta' Project Green tkun milqugħa, l-fondi allokati għalih mil--Kunsill jistgħu jimxu għal dan il-proġett. Għalhekk, għalissa l-Kunsill ser jilqa din l-offerta u jipprova jinkludi dan il-proġett fil-pjan finanzjarju tiegħu għas-sena 2026, sakemm ma jbatux proġetti oħra diġa ppjanati.

Is-Sindku Victor Curmi ppreżenta l-pjanti tal-Playingfield updated b'dak kollu li kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti li saret mal-Perit tal-Kunsill. Dawn il-Pjanti tpoġġew fuq il-mejda u kien hemm qbil li għandhom jiġu sottomessi lil Project Green. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fl-importanza li jsir kuntratt bejn Project Green u l-Kunsill għal konferma ta' fondi. Il-Kunsillier Kevin Cutajar fakkar fl-importanza tal-aċċessibilta' u s-Sindku qal li diġa ħa ħsiebha l-Perit. Is-Sindku Victor Curmi spjega li dan il-proġett se jkun state of the art, qed jinkludi mhux biss il-playingfield imma l-ġnien kollu anka t-tlett biċċiet il-kbar ta' quddiem, sal-Ggantija. Proġett li hu proġettat

li jkun *Carbon neutral* li jinkludi l-pannelli u water reservoir. Il-Kunsilliera Francienne Muscat u Leanne Micallef semmew l-importanza li jkunu informati b'kull pass u/jew tibdil li jista jkun hemm fil-proġett sabiex il-Kunsilliera Leanne Micallef tkun tista tgħin f'dak li jinvolvi żoni tat-tfal bħas-sensory areas. Is-Sindku Victor Curmi ikkonkluda li minn xi mkien irridu nitilqu, nibgħatuha kif inhi biex ma ndumux ma jkollna risposti. Kien hemm qbil ma dan.

**21.6 Inizzjattiva mill-MGP**

Il-Ministru Għal Għawdex u l-Ippjanar infurmana li se jkun qed jipprovdilna 18,000 metri kwadri ta' xogħolijiet ta' asfalt fit-toroq tax-Xagħra. Is-Sindku Victor Curmi semma li jiġu madwar xi 2 kilometri, resurfacing works u mhux toroq ġodda.

Il-Kunsilliera Francienne Muscat talbet li jingħataw ftit ċans sabiex jiġu diskussi t-toroq li hemm bżonn u ssuġġeriet li ssir ukoll parti minn Triq Ġnien Xibla minħabba li tinsab f'sitwazzjoni ħażina ħafna.

Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil li napplikaw sabiex isiru

- parti minn Triq Ġnien Imrik (mill-Cornucopia sal-crossroad)
- parti minn Triq il-Knisja (mill-Crossroad saċ-Ċimiterju)
- parti minn Triq tal-Qaċċa (mill-kantuniera sa' Pjazza Sant Anton)
- parti minn Triq Ġnien Xibla (minn fejn se jispiċċaw tal-WSC)

**21.7 Skemi u Attivitajiet Kulturali**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar l-Pet Fun Day.

Ġiet diskussa l-attivita' tal-Autumn Fest fejn issemma li l-Insurance mhux se tkun qed tkopri l-pony rides u għalhekk kien hemm qbil li dawn ma jsirux. Il-Kunsilliera Leanne Micallef se tkun qed tikkolabora mal-impjegata Sa. Josephine Sultana dwar din l-attivita'.

Ġiet diskussa l-attivita' ta' San Valentinu li ser tinżerta wkoll fil-Jum tal-Karnival. Kien hemm qbil li napplikaw xorta. Is-Sindku Victor Curmi ppropona li tingħalaq il-pjazza u jitpoġġew ix-xemgħat fil-forma tal-kelma Love. Magħhom jingħaqdu l-grupp Quartet u l-fjuri għal din il-ġurnata. Il-Programm tal-Karnival fin-Nażżarenu jsir bħas-soltu.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-Christmas Market se jsir il-Ħadd, 7 ta' Diċembru fi Pjazza Dun Ġorġ Preca. Sa issa għandna 22 stall ibbukjati u l-programm se jkun qed jinvolvi diversi gruppi ta' tfal li ser jagħtu performance matul il-ġurnata.

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li d-dawl tal-Milied waslu u qed jiġu armati mill-Għaqda Armar. B'hekk sas-6ta' Diċembru it-toroq tat-8ta' Settembru, l-Pjazza Vitorja u n-Nazzarenu se jkunu mixgħula.

**21.8 Ħruġ u għoti ta' offerti**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar il-proġett tad-dawl tal-Pjazza. L-Inġinier infurmana li l-Kuntrattur jista jiġbor il-cables u jkompli l-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kuntrattur infurmha li għadu ma tħallasx tax-xogħol tiegħu fuq dan il-proġett għaliex peress li x-xogħol għadu mhux finalizzat, għadu ma ppreżentax kont lill-Kunsill. Is-Sindku Victor Curmi rrimarka li l-kaxxi li tpoġġew fil-pjazza huma kbar u jkerrħu l-post. Il-Kunsillier Kevin Cutajar żid ukoll li qed joħolqu ostaklu fuq il-bankina. Għalhekk kien hemm qbil li nitkellmu mal-Kuntrattur biex naraw hux possibli li jsiru iżgħar, jekk dejjem japprovaw l-Enemalta.

Is-Sindku Victor Curmi ppropona li jsir Monument tal-Malta rebbieħa (tal-Assedju) li jibqa fil-Pjazza s-sena kollha. Dan billi jinstab artist li jista jipprepara sketch u disinn u dan isir fuq il-bankina faċċata tal-BOV. Il-Kunsillier Kevin Cutajar ippropona li ikun hemm kompetizzjoni tad-disinn biex ikun hemm l-għażla. Is-Sindku Victor Curmi stqarr li hekk il-proċess jista jieħu aktar fit-tul u għalhekk kien qed jipproponi lill-artist Manuel Farrugia. Kompla jgħid li ser javviċina lili Ministeru tal-Kultura sabiex il-Kunsill jakkwista l-fondi għal dan il-monument. Il-Kunsillier Kevin Cutajar qal li minkejja li għandu kull rispett lejn Manuel Farrugia, l-Kunsill ma għandux jillimita lilu nnifsu għal artist wieħed, imma toħroġ sejħa miftuħa. Il-Kunsilliera Francienne Muscat ssuġġeriet ukoll li din kienet ukoll ix-xewqa tal-HXRO u għalhekk jkun apprezzat li ninvolvuhom fih. Dwar dan kien hemm qbil. Il-Kunsilliera Leanne Micallef ukoll ssuġġeriet li tkun sejħa miftuħa. Intlaħaq qbil li nkellmu Perit u toħroġ espressjoni ta' nteress għad-disinn u sketch. Din is-sejħa dejjem tkun suġġetta għal-akkwist tal-fondi.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li

- hemm bżonn li toħroġ sejħa għall-offerti għall-akkwist ta' Street signs. Kien hemm qbil dwar dan.
- Li l-fondi għas-servizz tas-Smart Bins se jkopru sa madwar Jannar 2026 u għalhekk fuq talba tas-Circular Economy nżammet laqgħa fejn huma qed jissuġġerixu li l-Kunsill jerġa joħroġ sejħa oħra ħalli s-servizz jkompli għaddej. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li huma vera ftit ir-ristoranti li qed jagħmlu użu mis-servizz meta l-ispiża għal dan il-proġett hija waħda kbira. Kien hemm qbil illi ġaladarba dan mhuwiex proġett tal-Kunsill, dan ma għandux jibqa managed mill-Kunsill imma jieħdu ħsieb Circular Economy. Madanakollu, l-Kunsill għadu jrid jiddiskuti u jiddeċiedi jekk is-sit għandux jibqa jintuża għall-iskop li qed jintuża jew le. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm bżonn għandna

napplikaw għal varjazzjoni sakemm dawn il-fondi jiġu rkuprati minn Circular Economy.

**21.9 Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena li kien approvat unanimament.

**21.10 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Fixed Asset Register – Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-bżonn li dan in-nuqqas jiġi ndirizzat speċjalment issa li l-Kunsill se jkollu Ċentru Ċiviku ġdid. Sadanittant, saret komunikazzjoni sew mal-Accountant preżenti kif ukoll dak ta' qablu sabiex naraw jekk kienx hemm xi wieħed li jkopri dawn is-snien. Kien hemm qbil li nitolbu kwotazzjoni mingħand l-accountant tal-Kunsill.

- Ilment dwar Parking Restrictions fi Triq Gebla ta' Sansuna – It-talba se tintbgħat lil Transport Malta.

- No objection minn TM biex terga ssir Traffic hump fi Triq Gajdoru – Din il-materja għandha terġa diskussa.

- Tweġiba minn TM dwar it-tabelli tal-One Way fi Triq 28ta' April.

Ġejna nfurmati li dawn it-tabelli jridu jimxu għall-post kif approvat minn TM. Din il-materja ġiet diskussa fit-tul u l-membri kollha jaqblu li l-one-way ma għandhiex tieħu parti mill-Pjazza Vitorja. Il-masterplan kien jirrakkommanda li Triq 28 t'April 1688 issir one-way. Il-Kunsillier Christian Zammit stqarr li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Kunsill, meta saret din il-one-way xi snin ilu, illi tingħalaq xi parti mill-Pjazza Vitorja, imma din il-one-way kellha tkun esklussivament marbuta ma' Triq 28 ta' April 1688. Hu spjega li l-pjanta ippresentata lil TM meta saret it-talba biex din it-triq issir one-way pero' ma tirriflettix dak deciz mill-Kunsill, u kienet ghalih sorpriza li jsir jaf fl-ahhar jiem illi hemm żball fuq il-pjanta peress illi it-tabella tal-one-way fuq dil-pjanta jidher li tpoggiet ftit metri boghod mill-entratura ta' Triq 28 ta' April 1688, b'mod illi l-pjanta giet taffettwa parti mill-Pjazza Vitorja wkoll, kuntrarjament ghal dak deciz mill-Kunsill snin ilu. Il-Kunsilliera Kevin Cutajar u Christian Zammit semmew li għandna nerġgħu nibgħatu lil Transport Malta u ngħidulhom li aħna rridu nimxu mal-masterplan, mad-decizjoni tal-Kunsill u li l-pjanta tigi emendata peress li saret ħażin. Kien hemm qbil sabiex niktbu lill-Perit Mariello Spiteri sabiex jemenda l-pjanta in line mal-masterplan u d-decizjoni tal-Kunsill, sabiex din terġa tintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Il-membri kollha preżenti qablu ma dan.

-Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Xagħra United FC għat-transport biex it-tim jattendu għat-training is-safar. Qed jitolbu li l-Kunsill ikopri l-ħlas ta' €600 Vat eskluż. Kien hemm qbil dwar dan.

- Ġiet ippubblikata t-tieni sejħa tal-LESA għall-programm 2024-2026. Kunsilli li bbenifikaw fl-ewwel sejħa ma jistgħux jerġgħu japplikaw. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba mingħand resident biex jiġi kkunsidrat li jsir Basketball court. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba ta' kollaborazzjoni mingħand ix-Xagħra United FC għal €10,000 biex ikopri l-ħlas tal-użu tal-ground tal-Hotspurs Club. Il-Kunsill qabel li jikkolabora biex f'attivita' sa mhux aktar minn €1000 fuq provediment tal-kwotazzjonijiet.

- Tweġiba mingħand l-Onorevoli Dr. Miriam Dalli dwar it-talba tal-Kunsill. Ġejna nfurmati li s-suġġett imsemmi ma jaqax taħt il-kompetenza tal-WSC imma taħt ir-responsabbilta' tad-Direttorat tax-xogħolijiet pubbliċi jew tal-MGP.

- Talba ta' kollaborazzjoni mingħand Għaqda Nar Xagħra għall-ikla tal-Milied li se ssir fil-5ta' Diċembru. Din it-talba hija ta' €550 biex ikopri l-ispejjeż tas-sound u dwal. Il-Kunsill qabel sabiex jikkolabora biex issir il-mużika sa massimu ta' €350.

- Talba għall-kollaborazzjoni biex jittella l-Kunċert tal-Milied flimkien mill-Kunsill Lokali Xagħra u Voċi Anġeliche. Il-Kor Angeliche ingħataw l-ammont ta' €8,000 mill-MGP u l-Kunsill qiegħed ikun mitlub ikopri l-ammont sa massimu ta' €5,000 sabiex jiġu koperti l-ispiża proġettata ta' €13,200. Ġie ppreżentat breakdown tal-ispejjeż kollha. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-sistema tal-local permits se tibda tkun immanġijata mill-Kunsilli Lokali u għalhekk il-Kunsill jkun irid iħallas l-ispiża tagħha kull sena. Il-fondi se jkunu qed jgħadduhomna mid-DLG. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Soċjeta Filarmonika Victory Xagħra sabiex jittella Akkademja Mużikali nhar is-Sibt, 1 ta' Novembru 2025 fil-Bażilika ta' Marija Bambina. Il-Kunsill qabel li jikkolabora sa massimu ta' €350.

- Korrispondenza mingħand Karen Attard mir-Run Gozo. Talbitna update dwar il-palk li tħallas mill-Kunsill. Bħal ma diġa tkellimna, ġaladarba dan inxtara mill-fondi tal-Kunsill biex jintuża fl-attivita', jibqa propjeta' tal-Kunsill imma qiegħed jinżamm għandhom.

- talba mingħand il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq biex tingħata isem lil triq off Triq il-Bullara, Xagħra. Il-Kunsilliera semmew li it-triq indikata diġa għandha isem u għalhekk se nerġgħu nirreferuha lill-Kumitat tat-toroq.

- Update dwar it-talba għal beach ceremony f' Mejju 2026. Min-naħa tal-MGP ma jsibux oġezzjoni pero ġaladarba r-Ramla hija bajja protetta, jkun irid jinkiseb l-permess mill-ERA. Kien hemm qbil li ninfurmawha b'dan.

- Talba minn resident fi Triq Marsalforn sabiex issir protezzjoni lill-propjeta tiegħu. Ordnajna corner reflector u qed nistennew tweġiba minn TM dwar possibilita li titpoġġa plastic bollard.

- Imejl mir-resident dwar it-talba tiegħu għal disabled parking fi triq 28ta' April. Din it-talba ġiet diskussa u kien hemm qbil li din ma tiġix approvata minħabba li hemm parkeġġ għal disabled ftit metri bogħod kif ukoll minħabba li l-blue badge ma hiex reġistrata fuq il-persuna li qed iressaq it-talba.

- Talba mingħand resident dwar is-sitwazzjoni tal-hornets. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Kalendarju tal-Attivitajiet għas-sena 2026 – ngħaddu l-pjanijiet lill-MGP.

- Is-Sindku attenda għall-attivita' tat-tin f'Carmignano mis-17 sa 19 ta' Ottubru.

- Ilment minn resident dwar it-tkomplija ta' Triq Liberat. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Resolutions No 6 (l-ewwel pagament taċ-Ċentru Ċiviku – retention fees) u No 7 (BOV Deposit Card). Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

- Devoluzzjoni tax-Xelter tal-Pjazza – jitkompla l-proċess u nqabbdu lill-Perita Mariella Spiteri. Kien hemm qbil dwar dan.

- Talba mix-Xagħra Scouts Group sabiex jitħawwlu żewġ siġriet fil-playingfield kif ukoll biex titwaħħal plakka żgħira. Kien hemm qbil dwar dan.

- Ġie pprezentat il-Programm tad-Day Care Centre għal matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru li ġie ppreparat mis-Sa Josephine Sultana. Kien hemm qbil li l-Kunsill jkopri l-ispiża ta' €3 kull persuna għall-bżonnijiet tad-day centre matul ix-xhar ta' Diċembru.

- Il-Kunsillier Kevin Cutajar fakkar sabiex il-Kunsill jikteb lid-Direttur Generali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex ningħataw kopja tar-rapport tal-Proġett Calypso. Kien hemm qbil dwar dan.

**21.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-21.30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 24 ta' Novembru 2025 fis-17.30pm

Konfermati illum it-Tnejn, 24 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Victor Curmi** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |